# Is-siġra tat-tin misħuta

**(Mk 11,12 ;14,20-24)**



**[21:18]** Fil-għodu, xħin kien sejjer lura lejn il-belt, ħadu l-ġuħ.

**[21:19]** Ra siġra tat-tin mal-ġenb tat-triq, mar ħdejha, u ma sabilha xejn ħlief weraq. U qalilha: "Qatt iżjed ma joħroġ frott minnek għal li ġej!" U dak il-ħin stess is-siġra nixfet.

**[21:20]** Stagħġbu d-dixxipli kif raw dan, u qalu: "Ara kif nixfet f'daqqa s-siġra!"

**[21:21]** Weġibhom Ġesù: "Tassew, ngħidilkom, jekk ikollkom il-fidi u ma toqogħdux titħassbu, mhux biss dak li ġara lil din is-siġra tagħmlu, iżda wkoll jekk tgħidu lil din il-muntanja, 'Inqala' u inxteħet il-baħar,' hekk isir.

**[21:22]** U kull ma titolbu taqilgħuh, jekk ikollkom il-fidi."

Gesu’ wettaq dan il-miraklu fuq is-sigra tat-tin barra mill-belt ta’ Gerusalemm fl-ahhar gimgha ta’ hajtu fuq l-art. Huwa miraklu daqsxejn stramb u mhux tas-soltu ghax fejn is-soltu Kristu kien ibierek u jgib il-hajja, din id-darba sehet u qered hajja ta’ sigra flok ghenha biex tipproduci l-frott.

Is-sahta tas-sigra tat-tin kienet att ta’ twissija simbolika mill-Messija ta’ l-imgieba ipokrita ta’ ulied Izrael lejn Alla. Normalment il-frott ta’ din is-sigra jidher qabel johorgu l-weraq kontra dak li jsir fi pjanti u sigar ohra li l-ewwel ikabbru l-weraq, imbaghad johorgu l-frott. Pero’ din is-sigra ma kienitx bhas sigra l-ohra tat-tin; weraq biss, xejn frott. Kienet qed tkidd l-art u ma kienet tajba ghalxejn.

Hekk kienu l-Lhud. Kienu jharsu hafna ligijiet maghmulha mill-bnedmin, jimxu fuq hafna tradizzjonijiet li holqu huma stess, u dak li kien tassew ta’ gid, jigifieri jharsu dak li ried Alla, kienu jwarrbuh.  Anzi l-Iskribi, l-Farizej u l-Imghallmin ta’ Izrael kienu cahdu t-taghlim ta’ Kristu u kienu jhajru lill-poplu jaghmel l-istess.

Gesu’ kien icanfar lil dawk in-nies ta’ zmienu li kienu juru wicc b’iehor, jghidu li jemmnu u jhobbu lil Alla, imbaghad jaghmlu dak li Alla ma jridx.  U Kristu ghadu u jibqa’ jcanfar nies bhal dawn fi zminijietna.

Nies li huma ipokriti, jigifieri juru wicc b’iehor hawn hafna jigru madwarna. Alla jrid u jixtieq li n-nies bhal dawn jikkonvertu ghax jekk jibqghu stinati jasal dak il-jum li jkollhom ihabbtu wicchom mal-gudizzju ta’ Alla. Alla jibqa’ jaghtina l-ghajnuna tieghu sa l-ahhar.  Il-Fidi taghna fih kapaci tibdilna minn lejl ghan-nhar, minn bnedmin mitluqa ghall-bnedmin ta’ hegga ghall-ligi tieghu.

Is-sigra tat-tin hija twissija li jekk il-bniedem ma jaghmilx frott, jigifieri opri tajba s-sehem tieghu ta’ l-ahhar ikun it-telfien tal-premju etern.

## PINGI B’KULURI SBIEH L-ISTAMPA LI QED TIDHER HAWN TAHT.



**Imla din it-tisliba bil-kliem li jidher fil-gemb taghha. Soluzzjoni tinsab fl-ahhar pagna.**



- APPOSTLI
- BAHAR
- BELT
- FIDI
- FROTT
- GUH
- MUNTANJA
- TIN
- TRIQ
- WERAQ




# TGHALLEM BL-AMMENT

**SOLUZZJONI**

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | M | | | | | | | | | |
| | | G | U | H | | | | | | | |
| | | | N | | | | | | | | |
| B | E | L | T | | | | | F | | | |
| | | | A | | | W | E | R | A | Q | |
| | | | N | | | | | O | | | |
| | | | J | | | | | T | | F | |
| | | | A | P | P | O | S | T | L | I | |
| | | | | | | | | | | D | |
| | | | | | | | | | T | I | N |
| | | | | | B | A | H | A | R | | |
| | | | | | | | | | I | | |
| | | | | | | | | | Q | | |